**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 15 ta' Mejju 2025

Każ Numru: 79/2022

**IL-PULIZIJA**

**--vs--**

**Ruben Mario Farrugia**

(Detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 276676(M))

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Ruben Mario Farrugia imwieled fil-Pietà fit-12 ta' Mejju 1976, iben Benedict u Josephine xebba Curmi, residenti Dusk, Triq Fra Gammari, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 276676(M):

*"... talli nhar it- 12 ta ' Novembru 2021 għall-ħabta ta ' tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs), ġewwa l-ħanut tal-ikel Burger King, Triq il-Belt Valletta, f'Raħal Ġdid;*

*1. Talli bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, lil Claire Farrugia u lil Mariella Piscopo, għamel tentattiv biex jieħu jew żvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna/i murija jew ir-rappreżentati f' dak ir-ritratt jew film, dan għamlu b'atti esterni u ta' bidu għal eżekuzzjoni tad-delitt, pero' dan ma ġiex esegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tal-akkużat bi ksur ta' l-Artikoli 41(1),(a) u 208E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Il-Qorti ġiet mitluba li f' każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Ruben Mario Farrugia sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta, u li waqt is-seduti tat-28 ta' Lulju 2023 u s-17 ta' Ottubru 2023 il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jeżentaw lill-Qorti mis-smiegħ mill ġdid tal-provi fid-dawl tar-riassenjazzjoni tal-kawża.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.

Rat li waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru 2024 wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-kawża titmexxa bi proċedura sommarja, u wara li sarlu l-eżami huwa wieġeb mhux ħati.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti.

Qieset id-depożizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-proċediment.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Mill-okkerrenza tal-Pulizija dwar dan l- inċident, liema konkorrenza ġiet ippreżentata fl-atti proċesswali mingħajr ma ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-uffiċjali tal-Pulizija jirriżulta li fit-12 ta' Novembru 2021 filgħaxija l-Pulizija rċeviet informazzjoni li ġewwa l-istabiliment "Burger King" f'Paola, kien hemm persuna fit-toilets allegatament tieħu r-ritratti ta' nisa waqt li jkunu qed jużaw toilet, billi jgħaddi l-mobile minn taħt minn cubicle ghal ieħor, u jieħu r-ritratti.

Fuq il-post, il-Pulizija nnotat lill-imputat li kien għadu kemm ħareġ minn ġewwa l-cubicle immarkata bħala "disable" bil-mobile f'idu, li malli lemaħ lill-pulizija dan inħasad. Fiċ-ċirkostanzi l-imputat ittieħed l-għassa tal-pulizija fejn hemmhekk huwa għadda l-mobajl tiegħu lill-pulizija, u f' dan il-mobajl instabu ritratti meħuda fit-toilet minn naħa t-isfel tal-cubicle.

L-imputat stqarr mal-Pulizija li kien jiddispjaċih għal dak li ġara u żied jgħid li ma kien deher xejn fil-mobajl.

Il-Pulizija kellmet lill-xi persuni ta' sess femminili li kienu qed jużaw it-toilet li kkonfermaw l-allegazzjonijiet dwar it-teħid ta' ritratti. Minn filmati tas-CCTV irriżulta li l-imputat daħal fil-kamra tat-toilet fi 19.25hrs u ħareġ x'ħin marru il-pulizija fuq il-post.

Sussegwentement infetħet inkjesta Maġisterjali. Mill procès-verbal tal-imsemmija inkjesta, li ġiet inserita fl-atti, irriżulta li kien inħatar bħala espert tekniku Dr Martin Bajada.

Il-Pulizija, flimkien ma' Dr. Martin Bajada u fil-presenza ta' Mario u Dr. Josette Sultana, wetqu tfitxija ġewwa r-residenza tal-imputat, fejn ġew elevati laptop, hard drive, SD card kif ukoll tlett DVDs.

## B. <u>Il-Provi</u>

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala prova:

1. NPS Report
2. Xhieda ta' Mariella Piscopo
3. Xhieda ta' Adrian Piscopo
4. Xhieda ta' Claire Farrugia
5. L-atti tal-inkjesta bin-numru 776/2021
6. Xhieda tal-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti u kkonfermat minn din il-Qorti il-psikologu Kevin Sammut Henwood
7. Xhieda tal-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti u kkonfermat minn din il-Qorti l-avukat Dr Martin Bajada

Illi l-imputat filwaqt li għamel xi kontroeżamijiet għażel li ma jixhidx u li ma jressaqx provi in difeża.

## C. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Imputazzjoni:** *"... talli nhar it- 12 ta ' Novembru 2021 għall-ħabta ta ' tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs), ġewwa l-ħanut tal-ikel Burger King, Triq il-Belt Valletta, f'Raħal Ġdid: 1. Talli bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, lil Claire Farrugia u lil Mariella Piscopo, għamel tentattiv biex jieħu jew żvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna/i murija jew ir-rappreżentati f' dak ir-ritratt jew film, dan għamlu b'atti esterni u ta' bidu għal eżekuzzjoni tad-delitt, pero' dan ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tal-akkużat bi ksur ta' l-Artikoli 41(1),(a) u 208E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi f'dan il-każ l-imputat qed jiġi mixli bit-tentattiv dwar ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 208E(1) tal-Kapitolu 9. It-tentattiv ta' reat huwa regolat permezz tal-artikolu 41 tal- Kapitolu 9 li jiddisponi illi:

*"41.(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra:*

*(a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi;*

*(b) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi."*

Mil qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, joħorġu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv:

1. Att estern li jimmanifesta l-intenzjoni li jitwettaq delitt;

2. Bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt; u

3. In-nuqqas ta'eżekuzzjoni tad-delitt minħabba ċirkostanzi indipendenti mill-volontà tal-aġent.

1. **<u>Att estern li jimmanifesta l-intenzjoni li jitwettaq delitt</u>**

Il-kommissjoni ta' delitt timmanifesta ruħha f' żewġ elementi essenzjali, il-mens rea u l-actus reus. Kull delitt volontarju joriġina f'moħħ l-aġent, iżda l-mens rea weħidha ma

twassal għal-ebda delitt. L-intenzjoni tal-aġent trid tkun ġiet manifestata f'atti evidenti l-actus reus. Iżda jista' jkun hemm reat kriminali anke meta l-att kollu maħsub u manifestat mill-aġent ma jkunx ġie kkonsmat.

Għalhekk irid ikun hemm xi att estern jew evidenti iżda, fl-istess ħin, tali att irid isir bl-intenzjoni li jitwettaq delitt. L-eżistenza ta' din l-intenzjoni hija tal-essenza stess tat-tentattiv. L-att fih innifsu jista' jkun perfettament innoċenti, iżda jitqies bħala kriminali minħabba l-iskop li bih isir.

F'dan il-każ mil-provi jirriżulta li l-imputat immanifesta l-intenzjoni tiegħu li jiġbed ritratti waqt li persuni, presubilment ta' sess oppost għal dak tal-imputat ikunu qed jużaw it-toilet, u dana billi niżżel il-mobajl aktar l-isfel mill-partition li jifred iż-żewġ cubicles u ġibed ritratti lejn id-direzzjoni tat-toilet fil-cubicle l-ieħor.

## 2. <u>Bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt</u>

Madankollu mhux kull manifestazzjoni tal-intenzjoni kriminali permezz ta' att estern iwassal għall-attentat ta' reat kriminali. Il-liġi tirrikjedi li l-att estern jiġi segwit bil-bidu tal-eżekuzzjoni tar-reat maħsub.

Wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn atti ta' tħejjija jew preparatorji u atti ta' eżekuzzjoni, fl-isfera tat-tentattivi kriminali. Il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u l-bidu tal-eżekuzzjoni ta' reat kriminali mhix distinzoni faċli. L-atti preparatorji fihom infushom u waħedhom ma jwasslux għat-tentattiv u għal xi ħtija fil-kamp penali. Il-Professur Mamo fin-noti tiegħu jsostni li:

"*To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation.*"

Barra minn hekk l-atti ta' eżekuzzjoni iridu jkunu diretti lejn xi delitt speċifiku.

Din il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha kif diversament presjeduta mil-Magistrat illum Imhallef Dr Edwina Grima tal-10 ta Ġunju 2009 fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Rashad El-Arabi Mabruk** fejn hemmhekk tikkwota l-Professur Mamo, fid-dawl

ta' dak li igħidu diversi ġuristi prominenti fosthom il-**Cararra, Maino u Liugi Masucci**:

*"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."*

Il-prosekuzzjoni f'dan il-każ għażlet li tmexxi kontra l-imputat abbażi tal-artikolu 208E(1). Fil-fehma tal-Qorti kif se jingħad aktar l-isfel fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar l-element formali ta' dan id-delitt, l-imputat ma kellux l-intenzjoni speċifika li jikkommetti id-delitt li ġie akkużat bih. Il-Qorti temmen li hu kellu l-intenzjoni li jikkommetti reat biss mhux dak kontemplat mil-leġislatur fl-artikolu 208E(1). Wieħed ma jridx jinsa li hawn qiegħdin fl-ambitu tal-attentat, għaldaqstant, id-delitt li l-Qorti tista' ssib lill-imputat ħati dwaru huwa biss dak li dwaru qed jiġi akkużat.

3. **<u>In-nuqqas t'eżekuzzjoni tad-delitt minħabba ċirkostanzi indipendenti mill-volontà tal-aġent</u>**

It-tielet u l-aħħar element materjali tat-tentattiv huwa n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-delitt minħabba ċirkostanzi indipendenti mill-volontà tal-aġent. Illi għalhekk minħabba xi azzjoni indipendenti mill-aġent, l-aġent jiġi sfrattat mill-eżekuzzjoni tad-delitt u dan ma jiġix ikkonsmat. Jekk l-aġent jieqaf minn jeddu, huwa jista jinstab ħati biss ta' l-azzjonijiet tiegħu sa dak il-punt jekk l-għemil tiegħu ikun jikkostitwixxi xi reat.

Dwar dan il-Professur Mamo jgħid:

*"The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will."*

F'dan il-każ l-abbli avukat difensur waqt it-trattazzjoni tiegħu jibbaża l-każ tad-difiża fuq il-fatt li l-imputat ma kellux l-intenzjoni iwettaq l-att li jwassal għad-delitt li ġie akkużat bih. Isostni li l-imputat kien sempliċement qiegħed jiċċekkja l-camera tal-mobajl. Din il-Qorti għandha dubbji serji dwar it-teżi tad-difiża, biss xorta tqis li hemm difett f'dan il-każ fir-rigward tal-intenzjoni tal-imputat. Biss f'dan l-istadju se tkompli l-analiżi tagħha dwar l-aħħar element tat-tentattiv.

Il-Professur Mamo jsostni li t-tentattiv ma jistgħax jissussisti jekk ir-reat li bih ikun qed jiġi akkużat ikun ta' natura tali li l-konsumazzjoni tiegħu bil-mezzi adottati tkun impossibbli. F'dan is-sens din il-Qorti sejra tanalizza in-nuqqas ta' konsumazzjoni tad-delitt.

Id-delitt jista' jibqa' mhux komplut jew għax jiġi interrott jew imfixkel kawża ta' ċirkostanzi aċċidentali indipendenti mir-rieda tal-aġent, jew minħabba d-determinazzjoni volontarja tal-aġent li ma jikkonsmax id-delitt. Din l-aħħar ċirkostanza hija raffigurata fil-Liġi fl-artikolu 42(1). Huwa biss fl-ewwel każ li l-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt huwa punibbli bħala tentattiv. Skont il-liġi tagħna, iċ-ċirkostanzi li jipprevjenu t-tlestija tad-delitt, iridu jkunu, fl-istess ħin, kemm aċċidentali kif ukoll indipendenti mir-rieda tal-aġent. Il-kawżi aċċidentali u każwali li jipprevjenu t-twettiq tar-reat, kontra r-rieda tal-aġent tad-delitt jistgħu jkunu jew fiżiċi jew morali. Tali kawżi morali huma, naturalment, fihom infushom avvenimenti fiżiċi, iżda l-influwenza tagħhom fuq l-aġent hija purament psikoloġika. B'mod ġenerali, jista' jingħad li l-liġi tagħti l-indulġenza tagħha fit-tentattiv meta d-delitt jiġi abbandunat 'volontarjament' mill aġent u mhux meta jkun imfixkel jew frustrat.

L-atturi huma maqsuma fuq dan il-punt dwar id-delitt fil-każ tal-impossibbiltà tal konsumazzjoni. Hemm dawk (prinċiparjament il-kittieba Ġermaniżi u l-Iskola Pożittiva Taljana tal-Liġi Kriminali) li jsostnu li kull tentattiv huwa punibbli anke jekk it-twettiq tar-reat bil-mezzi użati kien impossibbli. Din l-iskola ta' ħsieb tgħid li aġent li mhux biss ifforma l-intenzjoni stabbilita li jikkommetti reat iżda wkoll immanifesta tali intenzjoni permezz ta' atti esterni u, tabilħaqq, beda l-eżekuzzjoni tar-reat, b'mezzi li kellu jkun effiċjenti u suffiċjenti għall-iskop, jistħoqqlu jiġi kkastigat anke jekk, mingħajr ma jkun jaf, tali mezzi fil-fatt kienu ineffiċjenti u insuffiċjenti. L-aġent għamel dak kollu li kellu jkun meħtieġ biex iwettaq l-iskop finali tiegħu, u l-iżball tiegħu dwar l-effiċjenza tal-mezzi użati minnu ma jistax inaqqas il-grad ta' ħtija tiegħu.

Minn naħa l-oħra, l-iskola l-oħra ta' ħsieb (l-iskola klassika u, ġeneralment, il-kittieba kollha li jqisu bħala aktar importanti l-element oġġettiv jew fiżiku tat-tentattiv) jikkunsidraw il-possibbiltà ta' riżultat ta' suċċess bħala ingredjent indispensabbli. Dawn jargumentaw li atti li fin-natura tagħhom ma jistgħux jirriżultaw f'xi ħsara, m'humiex ta' ħsara la fit-tendenza tagħhom u lanqas fir-riżultati tagħhom u, għalhekk, m'għandhomx jiġu ttrattati bħala reati.

Fil-każ ta' attentati, il-liġi ma tikkastigax l-intenzjoni iżda l-azzjoni, u tali azzjoni ma tistax tiġi kkastigata ħlief safejn tkun esponiet id-drittijiet ta' ħaddieħor għal periklu attwali. Iżda l-ineffiċjenza tal-mezzi sabiex tiġi eskluża r-responsabbiltà kriminali, trid tkun assoluta. **Carrara** għalhekk jagħmel id-distinzjoni bejn l-ineffiċjenza assoluta u l-ineffiċjenza relattiva.

L-ineffiċjenza relattiva tavvera ruħha meta l-mezzi ma kinux fihom infushom kapaċi jlestu r-reat maħsub — minħabba l-kundizzjoni partikolari tal-persuna jew l-affarijiet li kontrihom jew fuqhom kienet diretta l-azzjoni kriminali, jew minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali madwar il-fatt — iżda setgħu jwasslu għal konsumazzjoni ta' dak ir-reat kieku kienu diretti lejn persuna oħra, fuq affarijiet oħra, jew kieku kienu akkumpanjati minn ċirkostanzi differenti. Għall-kuntrarju, l-ineffiċjenza hija stabbilita bħala assoluta, meta l-mezzi użati fl-ebda ċirkostanza ma setgħu iwasslu għad-delitt ikun min ikun il-persuna jew tkun liema tkun l-oġġett li kontriha jew fuqha tkun diretta l-azzjoni.

Fejn l-ineffiċjenza tal-mezzi użati hija assoluta, ma jkunx hemm responsabbiltà kriminali għat-tentattiv, irrispettivament jekk l-aġent setax emmen bis-sħiħ li seta' jwettaq il-pjanijiet tiegħu b'dawk il-mezzi.

Għaldaqstant skont il-liġi tagħna sabiex ikollok attentat trid ikollok il-bidu tal-eżekuzzjoni f'ċirkostanzi u b'mezzi li r-reat jista' fil-fatt jiġi eżegwit u kkonsmat.

Issa l-imputat f'dan il-każ jinsab mixli bl-attentat tar-reat taħt l-artikolu 208E tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*"208E.(1) Kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, jieħu jew jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew ir-rappreżentati f'dak ir-ritratt jew film jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija sa ħames snin jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro*

*(€4,000) u mhux iżjed minn tmint elef euro (€8,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien."*

Minn eżami ta' dan l-artikolu jirriżulta li l-elementi materjali ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

1. L-eżistenza ta' ritratt jew film sesswali privat;
2. It-teħid jew żvelar ta' dak ir-ritratt jew film lil terza persuna; u
3. In-nuqqas tal-kunsens tal-persuna li hija rappreżentata fir-ritratt jew film għall-iżvelar jew teħid.

L-element formali ta' dan id-delitt jikkonsisti:

4. L-intenzjoni tal-aġent li bl-azzjonijiet tiegħu li jikkostitwixxu l-elementi materjali tar-reat, jikkawża dwejjaq jew ħsara lit-terza persuna.

Fil-kawża **l-Pulizija vs Alan Seguna** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Ottubru 2023, ngħad li:

*"L-imputat huwa mixli bir-reat taħt l-artikolu 208E tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiddisponi illi iwettaq reat kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, jieħu jew jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak irritratt jew film.*

*Hu minnufih evidenti li l-elementi materjali li jeħtieġu jiġu ppruvati mill-Prosekuzzjoni biex tinstab ħtija għal dan ir-reat, huma l-eżistenza ta' ritratt jew film sesswali privat; it-teħid jew żvelar ta' dak ir-ritratt jew film lil terza persuna; u n-nuqqas tal-kunsens tal-persuna li hija rappreżentata fir-ritratt jew film għall-iżvelar jew teħid.*

*Barra dan tinħtieġ ukoll il-prova tal-element formali fl-aġent tar-reat tal-intenzjoni li bl-azzjonijiet tiegħu li jikkostitwixxu l-elementi materjali tar-reat, jikkawża dwejjaq jew ħsara lil persuna oħra."*

**<u>L-elementi materjali</u>** għandhom jiġu kkunsidrati fl-isfond ta' dak stabbilit hawn fuq dwar it-tentattiv. Għalhekk l-ewwel element il-każ ta' tentattiv jirriżulta sodisfatt mhux

bil-preżenza ta' ritratt jew filmat sesswali kif jikkontendi l-abbli avukat difensur, iżda bil-bidu tal-eżekuzzjoni b'mezzi li setgħu iwasslu għal ġbid ta' ritratti jew filmati sesswali ta' persuna jew persuni fit-toilet.

L-abbli avukat difensur isostni li r-ritratti mertu ta' din il-kawża ttieħdu waqt li l-imputat kien qed jipprova l-mobajl wara li dan waqalu mal-art. Huwa jagħmel referenza għax-xhieda tal-esperti u jsostni li dawn isaħħu din it-teżi. Isostni li Dr Martin Bajada waqt ix-xhieda tiegħu jgħid li l-ebda wieħed mir-ritratti m'għandu l-angolatura tat-toilet tan-nisa. L-avukat difensur isostni li s-saqaf li jidher fir-ritratti huwa dak tat-toilet tal-irġiel. Jagħmel referenza ukoll għax-xhieda tal-Psikologu Dr Kevin Henwood, fejn dan qal li l-imputat baqa' jsostni miegħu li ritratti tat-toilet tan-nisa ma ħax.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma'din it-teżi. Mix- xhieda ta' Claire Farrugia li xehdet kemm waqt l-inkjesta kif ukoll quddiem il-Qorti li dakinhar tal-inċident waqt li kienet fil-Burger King ta' Raħal Ġdid flimkien ma xi ħbieb u r-raġel tagħha użat it-toilet u ħin minnhom rat id jew ponn ta' raġel min taħt il-partition li jiddividi t-toilet li kienet fih, jiġifieri dak tan-nisa mit-toilet tal-irġiel. Tgħid li nħasdet peress li d-distanza bejn l-art u l-partition kien għoli biżżejjed li tgħaddi persuna. Meta ħarġet mit-toilet tan-nisa u kienet għadha fil-parti komuni tat-toilets setgħat tinnota sew dell ta' persuna li kellha xi ħaġa f'idejha qisu ktieb, u spjegat li dan kien mobajl bil-flip case, jiġifieri li jinfetaħ qisu ktieb. Hija tgħid ukoll li rat żarbun ta' raġel. Hija tgħid li mbagħad ħarġet u baqgħet taħseb fuq dak li ġralha, u qalet lill ħbieb u li r-raġel tagħha li kienu flimkien magħha. Hija bdiet tistenna biex forsi tagħraf iż-żarbun tal-persuna li kienet rat fit-toilet. Sa dan it-tant kien għadda ħafna ħin u l-persuna kienet għadha ma' ħarġitx. Hi tgħid li mbagħad ir-raġel tal-ħabiba tagħha ċempel lill-Pulizija u meta waslu l-Pulizija ħija setgħet tagħraf l-istess żarbun li kienet rat qabel.

Adrian Piscopo xehed li huwa mar fit-toilet peress li dak inhar kien hemm nies li qed jgħidu li dak inhar tal-inċident in kwistjoni kien hemm persuna qed tiġbed ir-ritratti fit-toilet Tal-Burger King ta' Raħal Ġdid. Dak il-ħin kien hemm xi tfal ukoll fil post, bħal ma normalment ikun hemm fl-istabbiliment tal-Burger King. Din il-Qorti tinsab imħassba dwar fejn seħħ dan l-inċident. Hu ra dell mill-mera ta' persuna fit-toilet, għalaq il-bieb tat-toilets tan-nisa u mid-dell ra li din il-persuna "niżlet biex tittawwal il-ġewwa". Imbagħad fis-19.55hrs huwa ċempel lill-Pulizija. Huwa tkellem ukoll mal-manager tal-Burger King. Imbagħad ġew il-Pulizija u ħadu lill din il-persuna.

Mariella Piscopo issostni daħlet fit-toilet darbtejn, l-ewwel darba bit-tifla fejn ma nnotat xejn, u t-tieni darba daħlet wara li l-ħabiba tagħha Claire Farrugia irrakontatilha li kienet rat id ta' raġel bejn id-diviżorju tat-toilets tan-nisa u tal-irġiel. Hija fil fatt ikkonfermat li daħlet fil-komun tat-toilets u mil-mera setgħet tinnota dan ir-raġel li kien qed jitbaxxa bil-mobajl f'idu.

Federika Parisi xehdet fl-atti tal-inkjesta li waqt li kienet qed tiżvolġi xogħolha fil-lok tal-inċident kien hemm klijent li talabha l-assistenza peress li kien hemm raġel li kien imsakkar fit-toilets tal-irġiel li kien qed jiġbed xi ritratti lin-nisa li kienu qed jużaw it-toilet. Qalla li kien diġà ċempel lill-Pulizija, u ġew il-Pulizija li ħadu lir-raġel imsemmi.

L-istills estratti mill-espert Dr. Martin Bajada juru lill-imputat dieħel fit-toilet fis-19:26hrs (still 2), sussegwentement jidhru diversi persuni deħlin u sussegwentement jidher l-imputat ħiereġ mal-Pulizija fit-20:07hrs (still 16), jiġifieri madwar erbgħin minuta wara.

Issa din il-Qorti ma tistax ma ssemmix illi f'dan il-każ il-Pulizija naqset milli tressaq xhieda dwar dak li ġara u dwar l- investigazzjonijiet li saru mil-Pulizija. Għalkemm fl-Atti hemm eżebit l-okkorrenza din ma ġietx ikkonfermata minn ebda uffiċjal tal-Pulizija.

Din il-Qorti ma tqisx li l-imputat kien qed jgħid is-sewwa meta jgħid li huwa kien sempliċement qed jipprova l-mobajl u dan peress li skont ix-xhieda msemmija hawn fuq huwa deher qed jitbaxxa, kif ukoll intlemaħ juża l-mobajl mill-baxx diversi drabi, fuq perjodu ta' ħin kemxejn twil fejn huwa kien magħluq ġewwa t-toilets tal-irġiel. Mix-xhieda tal-espert Martin Bajada tal-11 ta' Frar 2025 wara aċċess ordnat minn din il-Qorti, Dr Bajada jgħid li l-fetħa bejn l-art u l-partition hija ta' 30 ċentimentru. Huwa jikkonferma li r-ritratti ittieħdu b'angolatura fejn espert isostni li r-ritratti ttieħdu kollha min-naħa tat-toilet tal-irġiel b'angolatura lejn it-toilet tan-nisa fejn f'kull ritratt apparti xi wieħed inqabdet il-partition diviżorja (folio 84 sa 86). Din il-Qorti tinnota ukoll li fir-ritratti jidher it-toilet roll holder fit-toilet tan-nisa.

Għar-raġunijiet kif esposti hawn fuq il-Qorti tqis li l-imputat għamel attentat sabiex jiġbed ritratti sesswali ta' terzi mingħajr il-kunsens tagħhom.

**L-element formali** - il-Qorti sejra tipproċedi sabiex tevalwa l-element formali tad-delitt li jinsab akkużat bih l-imputat. Hu huwa propju hawnhekk fejn kif se jiġi espost hawn taħt, fejn il-każ tal-prosekuzzjoni huwa monk.

Id-delitt maħsub taħt l-artikolu 208E huwa wieħed li jirrikjedi l-intenzjoni speċifika tal-imputat li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara oħra. F'dan il-każ il-prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova li l-imputat kellu xi intenzjoni ta' dan it-tip. Il-Leġislatur meta daħħal dan id-delitt kellu f'moħħu d-delitt li bl-ingliż nsibuħ bħala revenge porn. Il-Qorti sejra tagħmel referenza għad-diskussjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjonijiet ta' abbozzi ta' Liġi ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2016, fejn hemmhekk l-Avukat Ġenerali jispjega l-element formali ta' dan id-delitt:

*"DR PETER GRECH (Avukat Ġenerali): Dan ir-reat li qed jiġi introdott huwa reat speċifiku mhux ħażin, fis-sens li l-elementi tiegħu huma l-intenzjoni li tikkaġuna dwejjaq jew ħsara emozzjonali, jiġifieri s-circumstantial evidence trid tindika li dak li jkun mhux kien qed jilgħab bit-telephone u kumbinazzjoni dan ir-ritratt spiċċa għand xi ħadd, imma jkun hemm assjem ta' ċirkostanzi li juru li kien hemm animu li lil dak li jkun jikkaġunalu ħsara jew dwejjaq. Ir-ritratti jew film irid ikun ta' natura sesswali, u din hija definite wkoll b'mod li ma tinkludix affarijiet li huma tal-ħajja ta' kuljum, għax is-sesswali għandha tinkludi r-rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti …"*

L-intenzjoni speċifika msemmija f'dan l-artiklu setgħat tiġi ppruvata bi provi li l-intimat kellu xi forma ta relazzjoni jew ghal inqas konoxxenza tal-persuni li ghamel attentat sabiex jiġbed atti sesswali taghhom.

Il-Qorti barra minn hekk tagħmel referenza għal fatt li kif diġa ingħad hawn fuq, u kif isostnu il-**Cararra, Maino u Liugi Masucci,** l-att li jagħti bidu għal-eżekuzzjoni tad-delitt irid ikun parti mill-atti li jwasslu għad-delitt li kellu l-intenzjoni jikkonsma l-imputat. F'dan il-każ il-prosekuzzjoni takkuża lill-imputat dwar id-delitt magħruf bħala revenge porn, jiġifieri dak taħt l-artikolu 208E(1) tal-Kapitolu 9. Peress li kif ingħad hawn fuq l-intenzjoni speċifika tal-imputat li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara oħra ma tissussistix, il-Qorti tqis li jekk xejn l-intenzjoni tal-imputat ma kinitx li jikkonsma dan id-delitt, u għaldaqstant l-attentat ma jissussistx:

*"If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much*

*repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."*

Fl-assenza ta' l-element formali din il-Qorti ma tistgħax issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih u se tkun qed tilliberah minnha.

## D. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-Ruben Mario Farrugia, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 276676(M), mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u minnha tilliberah.

| | |
|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi**<br>**Maġistrat** | **Josanne Gauci**<br>**Deputat Reġistratur** |

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**